A.L. 27 ta' l-2008

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għall-finijiet speċifikati fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu għamel dan l-Ordni li ġej:

Titolu u applikazzjoni. Kap. 464.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

(2) L-għan ta' dan l-Ordni huwa biex jittrasponi u jimplementa d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu ta' persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

> " "edukazzjoni u taħriġ regolati" tfisser kull taħriġ li jkun speċifikament indirizzat lejn il-ksib ta' xi professjoni speċifika u li tinkludi kors jew korsijiet imsehbin, meta jkun adatt, b'taħriġ professjonali, jew bi prattika probatorja jew professjonali. L-istruttura u livell tat-taħriġ professjonali, tal-prattika probatorja jew professjonali għandu jiġi stabbilit bil-liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istat Membru involut jew sorveljat jew approvat mill-awtorità msemmija għal dak l-għan;";

(b) minnufih wara t-tifsira ġdida "edukazzjoni u taħriġ regolati" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "esperjenza professjonali" tfisser it-twettiq attwali u leġittima tal-professjoni involuta fi Stat Membru;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "pajjiż terz" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna kwalifikata" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha taħt l-Att dwar il-Mediċini;";

(d) minnufih wara t-tifsira "professjoni komplimentari għall-mediċina" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "professjoni regolata" tfisser attività professjonali jew grupp ta' attivitajiet professjonali, li l-aċċess għalihom, it-twettiq tagħhom, jew xi wieħed mill-modi kif dawn jitwettqu jkun soġġett, direttament jew indirettament, bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi, għall-pussess ta' Kwalifiki Professjonali speċifiċi; partikolarment, l-użu ta' titlu professjonali li jkun limitat permezz ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi għal detenturi ta' xi kwalifika professjonali speċifika, għandu jikkostitwixxi mod ta' twettiq;";

(e) minnufih wara t-tifsira "professjonist legali" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "prova ta' kwalifiki formali" tfisser diplomi, ċertifikati u provi oħra maħruġin mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru msemmi konformement ma' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru u li jkunu jiċċertifikaw li jkun intemm b'suċċess taħriġ professjonali li jkun ġie primarjament miksub fil-Komunità. Prova ta' kwalifiki formali maħruġin minn pajjiż terz għandhom jitqiesu bħala prova ta' kwalifiki formali jekk id-detentur ikollu tliet snin ta' esperjenza formali fil-professjoni involuta fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun irrikonoxxa dik il-prova ta' kwalifika formali, ċertifikata minn dak l-Istat Membru;";

(f) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "test ta' ħila" tfisser test li jkun limitat għall-għarfien professjonali li jkollu l-applikant, magħmul mill-Kunsilli rilevanti bil-għan li tiġi valutata l-kapaità ta' l-applikant li jikseb professjoni regolata f'Malta;";

(g) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "żmien ta' adattament" tfisser it-twettiq ta' professjoni regolata fl-Istat Membru li jkun qed jospita taħt ir-responsabbilità ta' membru reġistrat kwalifikat ta' dik il-professjoni, fejn filwaqt ta' dak iż-żmien ta' prattika sorveljata possibilment isir iżjed taħriġ;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

3. L-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) Persuna jkollha biss jedd tuża titlu professjonali jekk hija twettaq il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill rilevanti għall-eżerċitar u t-twettiq, f'Malta, tal-professjoni tal-kura medika li t-titlu jkun jirreferi għaliha."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subartikoli (3) u (4) ġodda li ġejjin:

"(3) Professjonisti fil-kura medika li jkunu reġistrati ma' xi wieħed mill-Kunsilli rilevanti jkollu jedd legali li juża dawk it-titoli akkademiċi mogħtijin minnhom fl-Istat Membru tagħhom, u possibilment forma mqassra tiegħu, fl-ilsien ta' l-Istat Membru tagħhom sakemm dak it-titolu jkun segwit b'isem u l-indirizz ta' l-istituzzjoni jew bord eżaminatur li jkun ħarġu.

(4) F'dawk il-każijiet fejn titolu akkademiku ta' l-Istat Membru tagħhom x'aktarx li jiġi konfuż ma' titolu li f'Malta jkun jeħtieġ taħriġ supplimentari li ma jkunx twettaq mill-professjonist, allura l-Kunsill rilevanti jista' jeħtieġ lill-professjonist juża t-titolu akkademiku ta' l-Istat Membru tagħhom f'forma adatta, kif ordnat mill-Kunsill.".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

4. L-artikolu 11 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) xi waħda mill-kwalifiki elenkata fit-Tieni Skeda, taqsimiet Ia, Ib, Iċ, Id; jew ";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kunsill Mediku għandu jżomm reġistru fejn, wara li ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta, għandu jiġi reġistrat, għal żmien mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal kull kundizzjoni li l-Kunsill Mediku jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad ta' Duttur fil-Mediċina u Kirurġija mill-Università ta' Malta jew kwalifika elenkata fit-Tieni Skeda, taqsimiet Ia, Ib, Iċ, Id jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta għal dak l-għan mill-Kunsill Mediku."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Il-Kunsill Mediku għandu jkollu reġistri separati għal kull waħda mill-ispeċjalitajiet elenkati taħt il-Ħames Skeda".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

5. L-artikolu 12 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) għandu jidħol dan li ġej:

"(b) xi kwalifika elenkata fit-Tieni Skeda, taqsima IIa; jew";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kunsill Mediku għandu jkollu reġistru fejn, wara li ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta, għandu jiġi reġistrat, għal żmien mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal kull kundizzjoni li l-Kunsill jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad fil-Kirurġija Dentali ta' l-Università ta' Malta jew kwalifika elenkata fit-Tieni Skeda, Taqsima IIa jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta mill-Kunsill Mediku għal dak l-għan."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Għall-għanijiet ta' dan l-Att l-attivitajiet professjonali ta' kirurgu dentali għandhom jinkludu l-prevenzjoni, djanjosi u kura ta' anomaliji u mard li jolqot is-snien, il-ħalq, ix-xedaq u t-tessuti ta' biswit b'kunsiderazzjoni partikulari għad-disposizzjonijiet regolatorji u regoli ta' etika professjonali fuq id-dati ta' referenza msemmija fit-Tieni Skeda, Taqsima IIa.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

6. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Persuni reġistrati bħala spiżjara għandhom jaderixxu għal, u mill-inqas jiksbu, dawn l-attivitajiet li ġejjin, bla ħsara għall-ħtieġa, meta jkun adatt, ta' esperjenza professjonali supplimentari:-

(a) il-preparazzjoni tal-formola farmaċewtika ta' prodotti mediċinali;

(b) il-manufattura u ittestjar ta' prodotti mediċinali;

(ċ) l-ittestjar ta' prodotti mediċinali fi laboratorju għall-ittestjar ta' prodotti mediċinali;

(d) il-ħżin, preservazzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali meta dawn ikunu qegħdin jiġu trattati bl-ingrossa;

(e) il-preparazzjoni, ittestjar, ħżin u provista ta' prodotti mediċinali fi spiżeriji miftuħin għall-pubbliku;

(f) il-preparazzjoni, ittestjar, ħżin u ħruġ ta' prodotti mediċinali fl-isptarijiet;

(g) l-għoti ta' informazzjoni u pariri fuq prodotti mediċinali.

(4) Meta l-aċċess jew it-twettiq ta' xi waħda mill-attivitajiet ta' spiżjar tkun tiddependi minn esperjenza professjonali supplimentari, b'żjieda mal-pussess ta' prova ta' kwalifiki formali msemmija fit-Tieni Skeda, Taqsima III, il-Kunsill għandu għaldaqstant jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti f'dan ir-rigward ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tagħhom li jkun jiddikjara li l-persuna involuta kienet teżerċita dawk l-attivitajiet fl-Istat Membru tagħhom għall-istess tul ta' żmien.

(5) Ir-rikonoxximent imsemmi fis-subartikolu ta' qabel m'għandux japplika fir-rigward taż-żmien ta' esperjenza professjonali ta' sentejn li hu meħtieġ mill-Gran Dukat ta' Lussemburgu sabiex tingħata konessjoni ta' spiżerija pubblika Statali.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

7. Fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-paragrafu (f) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (g) tiegħu, u minnufih wara l-paragrafu (e) għandu jiżdied dan il-paragrafu (f) ġdid li ġej:

"(f) żewġ persuni kwalifikati reġistrati, wieħed elett minn fost il-persuni kwalifikati reġistrati kollha u l-ieħor li jiġi maħtur mill-Prim Ministru, u li jkunu biss meħtieġa li jattendu s-seduti tal-Kunsill meta s-suġġett li jkun qed jiġi diskuss ikollu x'jaqsam mal-professjoni tagħhom;".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

8. Minflok il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, għandu jidħol dan li ġej:

"(d) li jippreskrivi u jżomm *standards* professjonali u etiċi dwar spiżjara u *pharmacy technicians* u persuni kwalifikati;".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

9. L-artikolu 17 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) kwalifika elenkata fit-Tieni Skeda, Taqsima III; jew ";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu, wara li ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta, jkollu reġistru fejn, għal żmien mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal kull kundizzjoni li l-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' jqis li tkun meħtieġa, għandu jiġi reġistrat l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad fil-Farmaċija mill-Università ta' Malta jew kwalifika elenkata fit-Tieni Skeda, Taqsima III jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) (a) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' jeħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jikkonfermaw l-awtentiċità ta' diplomi, ċertifikati u prova oħra ta' kwalifiki formali maħruġin f'dak l-Istat Membru, kif ukoll jikkonferma li l-persuna involuta tkun wettqet il-ħtiġiet kollha ta' taħriġ stabbiliti bil-liġi nazzjonali.

(b) Diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali fil-Farmaċija li jkunu ngħataw lil ċittadini ta' Stati Membri minn Stati Membri u li ma jissodisfawx il-ħtiġiet kollha minimi ta' taħriġ stabbiliti bil-liġi nazzjonali, għandhom jiġu trattati bħala diplomi li jissodisfaw dawn il-ħtiġiet jekk inhuma ħtieġa ta' taħriġ li jkun intemm qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 85/432/KEE jew ikunu prova ta' taħriġ li jkun intemm wara iżda li jkun inbeda qabel l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva, u f'kull każ jekk dawn ikollhom magħhom ċertifikat li jkun jiddikjara li d-detentur tiegħu jkun effettivament u leġittimament ħadem bħala spiżjar fi Stat Membru għal mill-inqas tliet snin wara xulxin matul il-ħames snin li jkunu ġew qabel l-għoti taċ-ċertifikat u sakemm, aktar minn hekk, dak l-att u attività ikunu regolati f'dak l-Istat.".

Żjieda ta' l-artikolu 18A ġdid ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

10. Minnufih wara l-artikolu 18 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, għandu jiżdied l-artikolu 18A ġdid li ġej:

"Reġistru ta' Persuni Kwalifikati.

18A. (1) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jkollu reġistru, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru ta' Persuni Kwalifikati", fejn, wara li ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta, għandu jiġi reġistrat l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru li jkollu:-

(a) dik il-kwalifika fil-prattika tal-professjoni ta' persuna kwalifikata skond ma jista' jiġi ordnat fl-Att dwar il-Mediċini jew f'regolamenti magħmulin taħtu; jew

(b) kwalifika ekwivalenti miksuba minn università, kulleġġ jew istituzzjoni ta' taħriġ fi ħdan Stat Membru.

(2) Il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jkollu reġistru fejn, wara li ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta, għandu jiġi reġistrat, għal żmien mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal kull kundizzjoni li l-Kunsill ta' l-Ispiżjara jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru, li jkollha kwalifika bħal dik deskritta fis-subartikolu (1)(a) jew (b).

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Kunsill ta' l-Ispiżjara għandu jkollu reġistru fejn wara li ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta, għandu jiġi reġistrat, għal żmien mhux iżjed minn sena, l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru li jkun ikkwalifika għall-kwalifika elenkata fil-paragrafu (a) jew (b) iżda li jkun għadu ma kisibx dik il-kwalifika.".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

11. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ħadd m'għandu jeżerċita l-professjoni ta' qabla kemm-il darba ma jkollux jew ikollhiex liċenza għal dak l-għan maħruġin mill-President ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

12. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, l-attivitajiet professjonali ta' infermiera responsabbli għall-kura ġenerali għandhom ikunu dawk l-attivitajiet miksubin fuq bażi professjonali u msemmijin fit-Taqsima V tat-Tieni Skeda.".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

13. L-artikolu 23 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu,

(i) minflok il-kliem minn "Il-Kunsill" sal-kliem "fi Stat Membru li jkollha" għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jkollu reġistru, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-reġistru tal-Qwiebel" fejn wara li ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta għandu jiġi reġistrat l-isem ta' kull ċittadin ta' Malta, jew ta' Stat Membru jew ta' persuna li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 tar-

Regolament 1612/68/KEE jew ta' persuna li tkun'ġiet stabbilita fi Stat Membru li tkun tissodisfa xi wieħed minn dawn il-kriterji li ġejjin -";

(ii) minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) (i) taħriġ *full-time* ta' mill-inqas tliet snin bħala qabla jew li kien jiddependi fuq il-pussess ta' diploma, ċertifikat jew provi oħra ta' kwalifika li jagħtu aċċess għal universitajiet jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, jew li xort'oħra jiggarantixxi livell ekwivalenti ta' għarfien jew segwit minn sentejn ta' prattika professjonali li dwarha jkun inħareġ ċertifikat skond is-subparagrafu (ċ);

(ii) taħriġ *full-time* bħala qabla ta' mill-inqas sentejn jew 3600 siegħa, li jiddependi minn pussess ta' prova ta' kwalifiki formali bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali msemmija fit-Taqsima V tat-Tieni Skeda;

(iii) taħriġ *full-time* bħala qabla ta' mill-inqas 18-il xahar jew 3000 siegħa, li jiddependi minn pussess ta' prova ta' kwalifiki formali bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali msemmija fit-Taqsima V tat-Tieni Skeda u segwit minn prattika professjonali għal żmien sena li dwarha jkun inħareġ ċertifikat skond il-paragrafu (ċ);";

(iii) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Il-Kunsill għandu joħroġ iċ-ċertifikat li jkun juri li d-detentriċi, wara li tkun kisbet prova ta' kwalifiki formali bħala qabla, tkun sodisfaċentement wettqet l-attivitajiet kollha ta' qabla għal żmien li jikkorrispondi fi sptar jew f'istituzzjoni ta' kura tas-saħħa li jkun approvat għal dak l-għan;"; u

(iv) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu, għandu jiżdied l-paragrafu (e) kif ġej:

"(e) F'dawk il-każijiet fejn ċittadini ta' l-Istati Membri li kellhom id-diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali bħala infermier fl-obstetrija-

ginekoloġija (*asistent medical obstetrica-ginecologie*) tagħhom maħruġin mir-Romanija qabel id-data ta' l-adeżjoni u li ma jissodisfawx l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti bl-Artiklu 1 tad-Direttiva 80/155/KEE, il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi lil dawk id-diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali bħala prova suffiċjenti għall-għanijiet tat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' qabla, jekk dawn ikollhom magħhom ċertifikat li jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' Stati Membri jkunu effettivament u leġittimament wettqu attivitajiet ta' qabla fir-Romanija, għal mill-inqas ħames snin wara xulxin matul is-seba' snin li jiġu qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat.";

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel għandu jkollu reġistru fejn, meta ssir applikazzjoni għal dak l-għan mill-persuna involuta, għandu jiġi reġistrat, għal żmien mhux iżjed minn sentejn u bla ħsara għal kull kundizzjoni li l-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel jista' jqis li tkun meħtieġa, l-isem ta' kull persuna, li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew ċittadin ta' Stat Membru, li jkollha l-grad jew diploma fl-istudji ta' qabla mogħti mill-Università ta' Malta, jew kwalifika ekwivalenti mogħtija mill-Iskola ta' l-Infermiera jew kwalifika elenkata fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda jew xi kwalifika oħra rikonoxxuta mill-Kunsill ta' l-Infermieri u Qwiebel."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu (5) ġdid li ġej :

"(5) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, l-attivitajiet professjonali ta' qabla għandhom jinkludu:

(a) l-għoti ta' informazzjoni u pariri adatti dwar l-ippjanar tal-familja;

(b) djanjosi tat-tqala u sorveljar ta' tqala li tkun tidher normali; l-għemil ta' eżamijiet meħtieġa għas-sorveljar ta' l-iżvilupp ta' tqala normali;

(ċ) l-għoti ta' ordnijiet jew pariri fuq l-eżamijiet meħtieġa għall-aktar djanjosi bikrija possibbli ta' tqala li tkun tinsab f'riskju;

(d) l-għoti ta' programmi ta' preparazzjoni għat-trobbija ta' l-ulied u preparazzjoni sħiħa għat-twellid inklużi pariri fuq l-iġjene u n-nutrizzjoni;

(e) li jittieħed ħsieb u tiġi assistita l-omm matul il-ħlas u li jkun hemm sorveljar tal-kundizzjoni tal-fetu fil-ġuf b'dawk il-mezzi kliniċi u tekniċi li jkunu adatti;

(f) li jsir ħlas spontanju inkluż meta jkunu meħtieġa episjotomiji u f'każijiet urġenti ħlas li jsir bi ftuħ;

(g) li jiġu rikonoxxuti s-sinjali li jingħataw ta' abnormalità fl-omm jew fit-tarbija li jkunu jinneċessitaw il-ħtieġa ta' riferenza lil tabib u l-assistenza li għandha tingħatalu meta jkun adatt; li jittieħdu l-miżuri ta' emerġenza meħtieġa meta ma jkunx hemm tabib, partikolarment f'dik li hi t-tneħħija bl-idejn tal-plaċenta, possibilment segwita b'eżami li jsir bl-idejn ta' l-utru;

(h) li l-wild ġdid jiġi eżaminat u jittieħed ħsieb tiegħu, billi tittieħed kull inizjattiva li tkun meħtieġa f'każ ta' bżonn u billi, fejn ikun meħtieġ, issir risuxxitazzjoni immedjata;

(i) li jittieħed ħsieb ta' l-omm u jiġi sorveljat il-progress tagħha fiż-żmien li jiġi minnufih wara t-twelid u li jingħata kull pariri meħtieġ lill-omm dwar kif tieħu ħsieb il-wild biex hekk hija tkun tista' tiżgura li t-tarbija tagħmel l-aħjar progress possibbli;

(j) it-twettiq ta' kull kura mogħtija mit-tobba;

(k) l-għemil tar-rapporti bil-miktub meħtieġa.".

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

14. L-artikolu 24 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) kwalifika ta' infermier kif elenkat fit-Taqsima V tat-Tieni Skeda; jew "; u

(b) minflok is-subartikolu (6) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Il-Kunsill jista' jeħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri jikkonfermaw l-awtentiċità ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali maħruġin f'dak l-Istat Membru, kif ukoll konferma li l-persuna involuta tkun wettqet kull ħtieġa ta' taħriġ stabbilita bil-liġi nazzjonali.".

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

15. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-funzjonijiet tal-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina għandhom ikunu:

(a) li jkollu, jippubblika u jaġġorna reġistri li jkollhom x'jaqsmu mal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina, u reġistri speċjalisti tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina skond ma jista' jiġi ordnat, kif ukoll reġistri ta' oqsma speċjali ta' prattika skond ma jista' jiġi stabbilit mill-istess Kunsill;

(b) li jippreskrivi u jżomm *standards* professjonali u etiċi dwar il-professjonijiet komplimentari għall-mediċina;

(ċ) li jiġbor dawk id-drittijiet, mingħand professjonisti reġistrati għal registrazzjoni tal-bidu u għat-tiġdid ta' kull sena wara dan, skond ma jista' jiġi ordnat, f'konsultazzjoni ma' dawk l-associazzjonijiet li jistgħu jkunu adatti;

(d) fuq talba tal-Ministru jew xort'oħra, li jagħti pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa li tolqot lill-professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina ;

(e) li jwettaq kull funzjoni oħra li tista' tiġi lilu assenjata b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

16. L-artikolu 29 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Professjonist fil-kura medika, li jkun ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru, jew persuna li jkollha xort'oħra skond il-liġi il-jedd jew li tkun awtorizzata biex taħdem f'Malta, u li jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jibdew u jeżerċitaw xi speċjalità f'Malta, għandu jkollhom id-dritt li jużaw it-titolu jew titoli leġittimi professjonali u akkademiċi

tagħhom, skond il-każ, u meta jkun adatt, l-abbrevjazzjonijiet tagħhom skond ma jintużaw fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż mnejn ikunu ġejjin, fl-ilsien ta' dak il-pajjiż."; u

(b) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej :

"(b) ikollu xi kwalifika ta' speċjalizzazzjoni elenkata fit-Taqsima Ia u Ib tat-Tieni Skeda; jew ".

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

17. Minflok l-artikolu 42 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jidħol dan li ġej:

"42. (1) Kull meta l-Kunsill rilevanti jiddeċiedi dwar applikazzjoni biex persuna titniżżel f'xi reġistru li jkollu l-Kunsill rilevanti, il-Kunsill jista', filwaqt li jiggarantixxi l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li dawn ikun fihom, jeħtieġ id-dokumenti u ċ-ċertifikati elenkati taħt is-Seba' Skeda:

(i) id-dokumenti msemmija taħt il-paragrafi (d), (e) u (f) tas-Seba' Skeda m'għandhomx ikunu għaddew minn fuqhom iżjed minn tliet xhur fid-data meta dawn jiġu ippreżentati.

(ii) F'każ ta' dubju, il-Kunsill rilevanti jista' jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jagħtu konferma ta' l-awtentiċità ta' l-attestazzjonijiet u prova ta' kwalifiki formali mogħtijin f'dak l-Istat Membru l-ieħor, kif ukoll, meta dan ikun japplika, konferma tal-fatt li l-benefiċjarju jissodisfa l-anqas kundizzjonijiet ta' taħriġ stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali.

(iii) Madankollu f'każijiet ta' dubju, meta l-prova ta' kwalifiki formali tkun inħarġet minn awtorità kompetenti fi Stat Membru u din tkun tinkludi taħriġ li jkun ingħata kollu kemm hu jew f'parti minnu f'istituzzjoni stabbilita skond il-liġi fit-territorju ta' xi Stat Membru ieħor, il-Kunsill rilevanti jkollu jedd jivverifika mal-korp kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini ta' l-għotja:

(a) jekk il-kors ta' taħriġ fl-istituzzjoni fejn ikun ingħata t-taħriġ ikunx ġie formalment ċertifikat mill-istituzzjoni edukattiva li tkun ibbażata fl-Istat Membru ta' oriġini ta' l-għotja;

(b) jekk il-prova ta' kwalifiki formali maħruġin hijiex l-istess bħal dik li kienet tingħata kieku l-kors sar għal kollox fl-Istat Membru ta' oriġini ta' l-għotja;

(ċ) jekk il-prova ta' kwalifiki formali tikkonferixxi l-istess drittijiet professjonali fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' oriġini ta' l-għotja;

(d) il-Kunsill rilevanti għandu jiżgura li ċittadini ta' Stati Membri jkunu jistgħu jużaw kliem ekwivalenti adatt meta huma jkunu qegħdin jieħdu ġurament solenni jew inkella jagħmlu dikjarazzjoni solenni sabiex ikunu jistgħu jaderixxu għall-professjoni regolata;

(e) il-Kunsill rilevanti għandu jagħti kont li jkun irċieva l-applikazzjoni fi żmien xahar minn meta din tasallu u jgħarraf lill-applikant jekk ikun hemm xi dokument nieqes;

(f) il-proċedura għall-eżami ta' applikazzjoni biex tiġi eżerċitata professjoni regolata għandha tintemm kemm jista' jkun malajr u għandha twassal għal deċiżjoni motivata kif imiss mill-Kunsill rilevanti f'kull każ fi żmien tliet xhur wara d-data meta jkun ġie ippreżentat l-inkartament shih ta' l-applikant. Madankollu, dan it-terminu jista' jittawwal b'xahar f'dawk il-każijiet li jkunu jinkwadraw taħt il-Kapitoli I u II tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali;

(g) id-deċiżjoni, jew nuqqas milli tintlaħaq deċiżjoni f'dak it-terminu, għandha tkun soġġetta għal appell taħt l-artikolu 49 ta' dan l-Att; u

(h) il-Kunsill rilevanti għandu jiżgura li l-applikanti li jibbenefikaw mir-rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali jkunu jafu dawk il-lingwi meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni f'Malta.

(2) Konformement mad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, il-Kunsill rilevanti għandu, fil-każ ta' ċħid ta' reġistrazzjoni, jagħti deċiżjoni motivata u jgħarraf lill-applikant li jkollu dritt ta' appell skond l-artikolu 49 ta' dan l-Att.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 49 li jirrigwardaw appell minn deċiżjoni ta' xi Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni ta'

professjonist fil-kura medika għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(4) (a) Mingħajr preġudizzju għal kull għoti li jsir taħt dan l-Att, ċittadin ta' Stat Membru li jkun irid jipprovdi servizzi f'Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "provditur ta' servizz", m'għandux ikun ristrett, għal ebda raġuni li jkollha x'taqsam mal-kwalifiki professjonali, milli jipprovdi dawk is-servizzi jekk huwa:

(i) huwa jkun stabbilit skond il-liġi fi Stat Membru hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "Stat Membru ta' stabbiliment" bil-għan li jeżerċita l-istess professjoni hemmhekk;

(ii) huwa jidħol Malta biex jeżerċita l-professjoni tiegħu, temporanjament u okkażjonalment;

(iii) huwa jkun eżerċita dik il-professjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment għal mill-inqas sentejn matul l-għaxar snin ta' qabel l-għoti ta' servizzi meta l-professjoni ma tkunx regolata f'dak l-Istat Membru kemm-il darba jew il-professjoni jew l-edukazzjoni u t-taħriġ li jwasslu għall-professjoni jkunu regolati.

(b) Ix-xorta temporanja u okkażjonali ta' l-għoti ta' servizzi għandha tkun valutata kull każ għalih mill-Kunsill rilevanti, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' kemm dan idum, kemm ikun frekwenti, regolari u kontinwu.

(ċ) Meta provditur ta' servizz jgħaddi minn pajjiż għall-ieħor, huwa jkun soġġett għall-istess regoli professjonali ta' xorta professjonali, statutorja jew amministrattiva li jkunu direttament marbutin ma' kwalifiki professjonali, bħat-tifsira tal-professjoni, l-użu ta' titoli u l-eżerċizzju ħażin u gravi tal-professjoni li jkun direttament u speċifikament marbut mal-protezzjoni u sigurtà tal-konsumatur, kif ukoll provvedimenti dixxiplinari li ma jkunux japplikaw f'Malta għal professjonisti li jeżerċitaw l-istess professjoni.

(5) (a) Provditur ta' servizz li jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor ikun eżenti mill-ħtiġiet mitluba minn professjonisti reġistrati u li għandhom x'jaqsmu: Eżenzjonijiet.

(i) mar-reġistrazzjoni mal-Kunsill rilevanti sakemm il-provditur ta' servizz jkun ġie awtomatikament temporanjament reġistrat ma' dak il-Kunsill u sakemm dik

ir-reġistrazzjoni ma tkunx iddewwem jew tikkomplika b'xi mod l-għoti ta' servizzi u ma tkunx tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-provditur ta' servizz. Kopja tad-dikjarazzjoni u, meta jkun japplika, tat-tiġdid imsemmi fis-subartikolu (6), li jkollu miegħu kopja tad-dokumenti msemmija fis-subartikolu (7) mibgħutin mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' Stabbiliment għandhom jikkostitwixxu reġistrazzjoni awtomatika temporanja jew shubija pro forma għal dan l-għan;

(ii) mar-reġistrazzjoni ma' xi korp pubbliku ta' assigurazzjoni soċjali bil-għan li jsiru kontijiet ma' assiguratur dwar attivitajiet imwettqa għall-benefiċċju ta' persuni assigurati. Il-provditur ta' servizz'għandu jgħarraf bil-quddiem jew, f'każijiet urġenti, wara lill-korp pubbliku ta' assigurazzjoni soċjali bis-servizzi li huwa jkun ta.

Dikjarazzjoni li ssir bil-quddiem meta provditur ta' servizz jgħaddi minn pajjiż għall-iehor.

(6) (a) Meta l-provditur ta' servizz l-ewwel jidħol Malta minn xi Stat Membru sabiex jipprovdi servizzi, huwa għandu jgħarraf lill-Kunsill rilevanti b'dikjarazzjoni bil-miktub li ssir bil-quddiem inklużi d-dettalji ta' kull kopertura li jista' jkun hemm mill-assigurazzjoni jew mezzi oħra ta' protezzjoni personali jew kollettiva fir-rigward ta' responsabbiltà professjonali. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġġedded darba fis-sena jekk il-provditur ta' servizz ikun bi ħsiebu jipprovdi servizzi temporanji jew okkażjonali f'Malta matul dik is-sena. Il-provditur ta' servizz jista' jipprovdi d-dikjarazzjoni b'kull mezz li jrid.

(b) Fil-każ li s-servizzi jkunu qegħdin jingħataw għall-ewwel darba f'Malta jew jekk ikun hemm bidla materjali fis-sitwazzjoni skond ma jirriżulta mid-dokumenti, flimkien mad-dikjarazzjoni għandu jkun hemm dawn id-dokumenti li ġejjin:

(i) prova dwar iċ-ċittadinanza tal-provditur ta' servizz;

(ii) attestazzjoni li tiċċertifika li d-detentur ikun stabbilit skond il-liġi fi Stat Membru bil-għan li jeżerċita l-attivitajiet involuti u li ma jkunx projbit milli jeżerċita, ukoll temporanjament, fil-waqt li jkun qiegħed jikkunsina l-attestazzjoni;

(iii) prova ta' kwalifiki professjonali;

(ċ) Is-servizz għandu jkun provdut taħt it-titlu professjonali skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(d) Il-Kunsill rilevanti jista' jivverifika l-kwalifiki professjonali tal-provditur ta' servizz qabel ma l-ewwel jagħti s-servizzi. Verifika bħal dik li ssir qabel tkun biss possibbli meta l-għan tal-verifika jkun sabiex tiġi evitata ħsara gravi għas-saħħa jew is-sigurtà tar-riċevitur tas-servizz minħabba f'nuqqas ta' kwalifika professjonali tal-provditur ta' servizz u meta dan ma jkunx imur aktar 'l hinn minn dak li jkun meħtieġ għal dak l-għan.

(e) Fi żmien l-aktar xahar minn meta tiġi riċevuta d-dikjarazzjoni u d-dokumenti li jkollha magħha, il-Kunsill rilevanti għandu jipprova jgħarraf lill-provditur ta' servizz jew bid-deċiżjoni tiegħu li ma jivverifikax il-kwalifiki li jkollu jew bl-eżitu ta' dik il-verifika. Meta jkun hemm diffikultà li tkun tista' twassal għal dewmien, il-Kunsill rilevanti għandu javża lill-provditur ta' servizz fi żmien l-ewwel xahar bir-raġuni għad-dewmien u bl-iskeda għal deċiżjoni, li għandha tiġi finalizzata sat-tieni xahar minn meta jiġu riċevuti d-dokumenti kollha mimlijin kif imiss.

(f) F'dawk il-każijiet fejn ikun hemm differenza sostanzjali bejn il-kwalifiki professjonali tal-provditur ta' servizz u t-taħriġ meħtieġ daqstant li d-differenza tkun tali li tkun ta' dannu għas-saħħa jew is-sigurtà pubblika, il-Kunsill rilevanti għandu jagħti lill-provditur ta' servizz l-opportunità li juri, partikolarment permezz ta' test ta' ħila, li jkun kiseb l-għarfien jew il-kompetenza li jkunu għadhom jonqsu. F'kull każ, il-provditur ta' servizz għandu jkun jista' jipprovdi s-servizz fi żmien xahar minn meta tittieħed id-deċiżjoni skond is-subparagrafu preċedenti.

(g) Jekk ma jkunx hemm reazzjoni mill-Kunsill rilevanti fit-termini stabbiliti fis-subparagrafi preċedenti, dak is-servizz jista' jiġi provdut.

Koperazzjoni amministrattiva.

7. (a) Il-Kunsill rilevanti jista' jitlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment, dwar kull għoti ta' servizzi, jipprovdi kull informazzjoni rilevanti dwar il-legalità ta' l-istituzzjoni tal-provditur ta' servizz u dwar l-imġieba tajba tiegħu, kif ukoll in-nuqqas ta' kull sanzjoni dixxiplinari jew kriminali li jkollha xorta professjonali.

(b) Kull informazzjoni mitluba mill-Kunsill rilevanti għandha tkun skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 56 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali.

(ċ) Ikun id-dmir tal-Kunsill rilevanti li jiżgura li l-iskambju ta' kull informazzjoni meħtieġa dwar ilmenti li jsiru minn riċevitur

ta' servizz kontra provditur ta' servizz isir kif imiss. Ir-riċevituri għandhom jiġu mgħarrfa bir-riżultanzi ta' l-ilment.

(8) (a) Meta ssir ir-reġistrazzjoni mill-Kunsill rilevanti l-applikant għandu jkollu d-dritt jeżerċita l-istess professjoni bħal dik li huwa jkun kwalifikat dwarha fl-Istat Membru ta' oriġini u li jkompli jeżerċita l-istess professjoni taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għal ċittadini ta' Malta.

(b) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, il-professjoni li l-applikant ikun irid jeżerċita f'Malta tkun l-istess waħda bħal dik li huwa jkun kwalifikat fiha fil-pajjiż ta' oriġini biss jekk l-attivitajiet li jkun hemm fiha jkunu paragunabbli.".

Żjieda ta' l-artikoli 42A u 42B ġodda ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

18. Minnufih wara l-artikolu 42 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ artikoli 42A u 42B ġodda li ġejjin:

"Meta r-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki formali u jeddijiet miksubin ma japplikax.

42 A. (1) Billi fil-każ ta':

(a) tobba li jkollhom taħriġ bażiku, tobba speċjalisti, infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, dentisti, dentisti speċjalisti, qbiela u spiżjara li ma jissodisfawx il-ħtiġiet ta' prattika professjonali effettiva u leġittima kif stipulat taħt it-Tieni Skeda ;

(b) tobba, infermieri, dentisti, qbiela u spiżjara li, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda, ikollhom prova ta' kwalifiki formali bħala speċjalisti u li għandhom isegwu t-taħriġ li jwassal għall-pussess ta' titolu elenkat taħt it-Tieni Skeda, u unikament bil-għan tar-rikonoxximent ta' l-ispeċjalizzazzjoni rilevanti;

(ċ) infermiera responsabbli għall-kura ġenerali u infermiera speċjalisti li jkollhom prova ta' kwalifiki formali bħala speċjalist li jsegwi t-taħriġ li jwassal għall-pussess ta' titolu elenkat fit-Tieni Skeda, meta l-migrant ifittex li jikseb rikonoxximent f'Malta;

(d) infermiera speċjalisti li ma jkollhomx taħriġ bħala infermier għall-kura ġenerali, meta l-migrant ifittex li jikseb rikonoxximent ta' dawk l-attivitajiet li jsiru f'Malta minn infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, infermiera speċjalisti mingħajr taħriġ bħala infermier għall-kura ġenerali jew infermiera speċjalistai

li jkollhom prova ta' kwalifiki formali bħala speċjalisti li jsegwu t-taħriġ li jwassal għall-pussess tat-titoli elenkati fit-Tieni Skeda;

(e) migranti li jkollhom prova ta' kwalifiki formali maħruġin minn pajjiż terz u li jkollhom tliet snin esperjenza professjonali fil-professjoni involuta fit-territorju ta' dak l-Istat Membru li jkun irrikonoxxa dik il-prova ta' kwalifika formali u kif ċertifikat minn dak l-Istat Membru,

id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki formali u jeddijiet miksubin ma japplikawx.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu ta' qabel m'għandhomx jipprekludu lill-Kunsill rilevanti milli jitlob lill-applikant jagħmel żmien ta' adattament li ma jeċċedix it-tliet snin jew milli jagħmel test ta' ħila jekk:

(a) it-tul tat-taħriġ li dwaru huwa jipprovdi prova skond l-artikolu ta' qabel, ikun mill-inqas sena iqsar minn dak meħtieġ mill-Kunsill rilevanti;

(b) it-taħriġ li huwa jkun irieva sostanzjalment ikopri affarijiet differenti minn dawk koperti mill-prova ta' kwalifiki formali meħtieġa mill-Kunsill rilevanti;

(ċ) il-professjoni regolata f'Malta tkun tikkomprendi xi attività professjonali regolata waħda jew aktar li ma jkunux jeżistu fil-professjoni korrispondenti fl-Istat Membru ta' l-applikant, u dik id-differenza tkun tikkonsisti f'taħriġ speċifiku li jkun meħtieġ f'Malta u li jkun sostanzjalment ikopri affarijiet differenti minn dawk koperti bl-attestazzjoni ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali ta' l-applikant.

(3) (a) Jekk l-Istat Membru ospitanti jagħżel l-opzjoni li hemm provdut dwarha fis-subartikolu (1), dan għandu joffri lill-applikant l-għażla bejn żmien ta' adattament u test ta' ħila.

(b) Madankollu, għal professjonijiet li l-eżerċizzju tagħhom jeħtieġ għarfien preċiż ta' liġi nazzjonali u li dwaru l-għoti ta' pariri u, jew assistenza li tirrigwarda l-liġi nazzjonali tkun aspett essenzjali u kostanti ta' l-attività professjonali, il-

Kunsill rilevanti jista' jistipula jew żmien ta' adattament jew test ta' ħila.

(ċ) Dan japplika wkoll għal dawk il-każijiet li hemm provdut dwarhom fis-subartikolu (1) paragrafi (a), (b), (ċ) u (e) dwar tobba u dentisti, u s-subartikolu (1) paragrafu (d) meta l-migrant ifittex rikonoxximent f'Malta meta l-attivitajiet professjonali rilevanti isiru minn infermiera responsabbli għall-kura ġenerali jew infermiera speċjalisti li jkollhom prova ta' kwalifiki formali bħala speċjalist li jsegwi t-taħriġ imsemmi fit-Tieni Skeda li jwassal għall-pussess tat-titoli hemm elenkati.

(d) Fil-każijiet koperti bis-subartikolu (1) (a), il-Kunsill rilevanti jista' jeħtieġ żmien ta' adattament jew test ta' ħila jekk il-migrant ikun bi ħsiebu jwettaq attivitajiet professjonali bħala persuna li taħdem għal rasha jew bħala *manager* ta' intrapriża li jkunu jeħtieġu l-għarfien u l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali speċifiċi li jkunu fis-seħħ, sakemm dak l-għarfien u l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli tkun meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti f'Malta biex ikun jista' jsir aċċess għal dawk l-attivitajiet minn ċittadini Maltin.

(3) Għall-għan ta' dan l-artikolu "affarijiet sostanzjalment differenti" tfisser affarijiet li l-għarfien tagħhom ikun essenzjali għall-eżerċitar tal-professjoni u li fir-rigward tagħhom it-taħriġ riċevut mill-migrant ikun juri differenzi importanti skond għal kemm żmien idum jew il-kontenut, mit-taħriġ meħtieġ f'Malta.

(4) Jekk il-Kunsill rilevanti ikun bi ħsiebu jeħtieġ lill-applikant itemm żmien ta' adattament jew jagħmel test ta' ħila, dan għandu l-ewwel jaċċerta jekk l-għarfien miksub mill-applikant fil-kors ta' l-esperjenza professjonali tiegħu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, ikunx ta' xorta li jkopri, għal kollox jew biss f'parti, id-differenza sostanzjali msemmija fis-subartikolu ta' qabel.

(5) Il-Kunsill rilevanti għandu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-professjonijiet msemmija fil-paragrafi ta' qabel, għall-għanijiet ta' reġistrazzjoni, taħt l-istess kundizzjonijiet bħalma japplikaw għal ċittadini Maltin, jirrikonoxxi bħala kwalifiki professjonali:

(a) attestazzjoni ta' kompetenza maħruġa minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru tagħhom msemmija

konformement ma' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru, abbażi ta':

(i) jew kors ta' taħriġ li ma jkunx jifforma parti minn ċertifikat jew diploma fil-kuntest tas-subparagrafi (b), (ċ), (d) jew (e), jew eżami speċifiku mingħajr taħriġ preċedenti, jew eżerċitar *full-time* tal-professjoni fi Stat Membru għal tliet snin konsekuttivi jew għal żmien ekwivalenti fuq bażi *part-time* matul l-għaxar snin ta' qabel,

(ii) jew edukazzjoni ġenerali primarja jew sekondarja, fejn jiġi attestat li d-detentur ikun kiseb għarfien ġenerali;

(b) ċertifikat fejn jiġi attestat li jkun intemm b'suċċess kors sekondarju,

(i) jew ta' xorta ġenerali, supplementat b'kors ta' studju jew taħriġ professjonali li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu u, jew bil-prattika probatorja jew professjonali meħtieġa b'żjieda ma' dak il-kors,

(ii) jew ta' xorta teknika jew professjonali, supplementata meta jkun adatt b'kors ta' studju jew taħriġ professjonali kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel, u, jew bil- prattika probatorja jew professjonali meħtieġa b'żjieda ma' dak il-kors;

(ċ) diploma li tkun tiċċertifika li jkun intemm b'suċċess –

(i) jew taħriġ f'livell post-sekondarju li ma jkunx dak imsemmi fil-paragrafi (d) u (e) li jdum għal żmien ta' mill-inqas sena jew għal żmien ekwivalenti fuq bażi *part-time*, fejn waħda mill-kundizzjonijiet ta' dħul għal dak il-kors tkun, bħala regola ġenerali, li jkun intemm b'suċċess il-kors sekondarju meħtieġ biex persuna tkun tista' tidħol fl-Università jew għal edukazzjoni oħla jew li tintemm edukazzjoni skolastika ekwivalenti fit-tieni livell sekondarju, kif ukoll it-taħriġ professjonali li jista' jkun meħtieġ b'żjieda ma' dak ta' kors post-sekondarju; jew

(ii) fil-każ ta' professjoni regolata, taħriġ bi struttura speċjali, inkluża fl-Anness II tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, ekwivalenti għal livell ta' taħriġ li hemm provdut dwaru fil-paragrafu ta' qabel, li jipprovdi'*standard* professjonali paragunabbli u li jipprepara lil min ikun qiegħed jitħarreġ għal livell ta' responsabbiltajiet u funzjonijiet paragunabbli;

(d) diploma li tiċċertifika li jkun intemm b'suċċess taħriġ f'livell post-sekondarju li jdum għal mill-inqas tlieta u mhux iżjed minn erba' snin, jew li jdum għal żmien ekwivalenti fuq bażi *part-time*, f'Università jew istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jew f'istituzzjoni oħra li tipprovdi l-istess livell ta' taħriġ, kif ukoll it-taħriġ professjonali li jista' jkun meħtieġ b'żjieda ma' dak ta' kors post-sekondarju;

(e) diploma li tiċċertifika li d-detentur ikun temm b'suċċess kors post-sekondarju li jdum għal mill-inqas erba' snin, jew li jdum għal żmien ekwivalenti fuq bażi *part-time*, f'Università jew istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jew f'istituzzjoni oħra li tipprovdi l-istess livell u, meta jkun adatt, li huwa jkun temm b'suċċess it-taħriġ professjonali mitlub b'żjieda mal-kors post-sekondarju.

Trattament ugwali ta' kwalifiki.

(6) (a) Il-Kunsill rilevanti għandu jittratta bħala prova ta' taħriġ formali, inkluż il-livell ta' taħriġ, kull prova ta' kwalifiki formali jew ġabra ta' provi ta' kwalifiki formali maħruġin minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, jiċċertifika li jkun intemm b'suċċess it-taħriġ fil-Komunità li jkun rikonoxxut f'dak l-Istat Membru bħala livell ekwivalenti u li jikkonferixxi lid-detentur l-istess drittijiet ta' aċċess jew it-twettiq ta' professjoni jew jipprepara għat-twettiq ta' dik il-professjoni.

(b) Kull kwalifika professjonali li, għalkemm ma tkunx tissodisfa l-ħtiġiet kurrenti għal aċċess jew it-twettiq ta' professjoni, tkun tikkonferixxi fuq id-detentur drittijiet miksubin bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, għandha wkoll tkun trattata bħala prova ta' kwalifiki formali taħt l-istess kundizzjonijiet stabbilit fl-ewwel subparagrafu, partikolarment jekk il-livell ta' taħriġ meħtieġ għall-ammissjoni għal professjoni u għall-eżerċizzju tagħha jitgħolla u jekk individwu li jkun għadda minn taħriġ preċedenti, li ma jkunx jaqbel mal-ħtiġiet ta' kwalifika ġdida, jibbenefika mid-

drittijiet akkwiżiti, u f'dak il-każ it-taħriġ li jsir qabel għandu jitqies bħala li jikkorrispondi mal-livell tat-taħriġ il-ġdid.

Kundizzjonijiet għal rikonoxximent.

(7) Il-Kunsill rilevanti għandu jippermetti aċċess u twettiq tal-professjoni lil applikanti li jkollhom l-attestazzjoni ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali meħtieġa, taħt l-istess kundizzjonijiet bħalma japplikaw għal ċittadini ta' Malta.

(8) Attestazzjoni ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali jew attestazzjoni ta' livell ta' kwalifika professjonali mill-inqas ekwivalenti għal livell li jiġi minnufih qabel dak li jkun meħtieġ kif provdut b'dan l-Att għandha tinħareġ minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, msemmija skond id-disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru.

(9) Għandu wkoll jingħata aċċess u twettiq tal-professjoni lil dawk l-applikanti li jkunu bdew il-professjoni fuq bażi *full-time* għal sentejn matul l-għaxar snin li jiġu qabel fi Stat Membru ieħor li ma jkunx jirregola dik il-professjoni, sakemm dawn ikollhom xi attestazzjoni ta' kompetenza waħda jew aktar jew dokumenti li jipprovdu prova ta' kwalifiki formali li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li'ġejjin:

(a) dawn għandhom ikunu nħarġu minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, msemmija skond id-disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru;

(b) dawn għandhom jattestaw livell ta' kwalifika professjonali li mill-inqas tkun ekwivalenti għal livell minnufih qabel dak meħtieġ fl-Istat Membru li jkun qed jospita bis-saħħa tas-subartikolu (4);

(ċ) dawn għandhom jattestaw li d-detentur kien preparat għat-twettiq tal-professjoni involuta:

Iżda s-sentejn esperjenza professjonali ma tistax, madankollu, tkun meħtieġa jekk il-prova ta' kwalifiki formali li l-applikant ikollu tkun tiċċertifika edukazzjoni u taħriġ regolati fil-livelli ta' kwalifiki deskritti fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (1). L-edukazzjoni u t-taħriġ regolati elenkati fl-Anness III tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali għandhom jitqiesu bħala

dawk l-edukazzjoni u taħriġ regolati fil-livell deskritt fis-subartikolu (2), paragrafu (ċ).

(10) B'deroga mis-subartikolu (8) u mis-subartikolu (9) paragrafu (b), il-Kunsill rilevanti għandu jippermetti l-aċċess u t-twettiq ta' professjoni regolata meta l-aċċess għal din il-professjoni jkun jiddependi fit-territorju tiegħu fuq il-pussess ta' kwalifika li tiċċertifika li tkun intemmet b'suċċess edukazzjoni ta' livell ogħla jew Universitarju li ddum għal erba' snin, u meta l-applikant ikollu kwalifika msemmija fis-subartikolu (2), paragrafu (ċ).

Applikant mhux prekluż milli jtemm żmien ta' adattament.

42B. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu ta' qabel m'għandhomx jipprekludu lill-Kunsill rilevanti milli jeħtieġ lill-applikant itemm żmien ta' adattament ta' mhux iżjed minn tliet snin jew milli jagħmel test ta' ħila jekk:

(a) iż-żmien ta' taħriġ li jġib prova dwaru skond m'hemm fl-artikolu ta' qabel, ikun mill-inqas sena aqsar minn dak meħtieġ mill-Kunsill rilevanti;

(b) it-taħriġ li jkun irċieva jkun sostanzjalment ikopri materji differenti minn dawk koperti mill-prova ta' kwalifiki formali meħtieġa mill-Kunsill rilevanti;

(ċ) il-professjoni regolata f'Malta tikkomprendi xi waħda jew aktar mill-attivitajiet professjonali regolati li ma jeżistux fil-professjoni korrispondenti fl-Istat Membru ta' l-applikant, u dik id-differenza tkun tikkonsisti f'taħriġ speċifiku li jkun meħtieġ f'Malta u li jkun sostanzjalment ikopri materji differenti minn dawk koperti mill- attestazzjoni ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali ta' l-applikant.

(2) (a) Sabiex il-Kunsill rilevanti ikun jista' jippermetti dan it-test isir, dan għandu jelenka lista tas-suġġetti li, abbażi ta' paragun ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġ f'Malta u dak riċevut mill-applikant, ma jkunux koperti mid-diploma jew provi oħra ta' kwalifiki formali li l-applikant ikollu.

(b) It-test ta' ħila għandu jqis il-fatt li l-applikant ikun professjonist kwalifikat fl-Istat Membru tiegħu jew fl-Istat Membru mnejn ikun ġej. Dan għandu jkun ikopri suġġetti li għandhom jintgħażlu minn dawk li jkunu jinsabu fuq il-lista, li l-għarfien tagħhom ikun essenzjali sabiex ikun jista'

jeżerċita l-professjoni fl-Istat Membru li jospita. It-test jista' jkun ukoll jinkludi għarfien tar- regoli professjonali li japplikaw għall-attivitajiet involuti f'Malta.

(ċ) L-applikazzjoni dettaljata tat-test ta' ħila u l-istatus, f'Malta, ta' l-applikant li jkun irid jipprepara lilu nnifsu għat-test ta' ħila f'dak l-Istat għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill rilevanti.

(3) (a) Fil-każ ta' żmien ta' adattament, dan iż-żmien ta' prattika sorveljata għandu jkun soġġett għal verifika. Ir-regoli dettaljati li jirregolaw iż-żmien ta' adattament u l-verifika tiegħu kif ukoll l-istatus ta' migrant li jkun taħt sorveljanza għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill rilevanti.

(b) L-istatus li jiġi gawdut fl-Istat Membru li jkun qed jospita mill-persuna li tkun qegħda tagħmel iż-żmien ta' prattika sorveljata, partikolarment fil-kwistjoni ta' dritt ta' residenza kif ukoll l-obbligazzjonijiet, drittijiet soċjali u benefiċċji, *allowances* u rimunerazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti f'Malta skond il-liġi Komunitarja li tkun tapplika.

(4) Jekk il-Kunsill rilevanti jinvoka s-subartikolu (1), dan għandu għaldaqstant joffri lill-applikant l-għażla bejn żmien ta' adattament u test ta' ħila.

(5) (a) Jekk il-Kunsill relevanti jkollu l-ħsieb li jeħtieġ lill-applikant itemm żmien ta' adattament jew li jagħmel test ta' ħila, dan għandu qabel xejn jaċċerta ruħu jekk l-għarfien akkwiżit mill-applikant fil-kors ta' l-esperjenza professjonali tiegħu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, ikunx ta' xorta li jkun ikopri, għalkollox jew biss f'parti, id-differenza sostanzjali msemmija fis-subartikoli ta' qabel.

(b) Għall-għan ta' dan l-artikolu "materji sostanzjalment differenti" tfisser materji li l-għarfien tagħhom huwa essenzjali għall-eżerċitar tal-professjoni u li fir-rigward tagħhom it-taħriġ riċevut mill-migrant juri differenzi importanti skond għal kemm żmien idum jew il-kontenut mit-taħriġ meħtieġ f'Malta.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 43 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

19. Minflok l-artikolu 43 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jidħol dan li ġej:

"43. (1) F'dawk il-każijiet fejn il-prova ta' kwalifiki formali bħala tabib li jagħtu aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku u tabib speċjalista, bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalista, bħala qabla u bħala spiżjar li jkollhom ċittadini ta' Stati Membri ma tkunx tissodisfa l-ħtiġiet kollha ta' taħriġ li hemm provdut dwarhom taħt il-liġi nazzjonali, kull Kunsill relevanti għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti prova ta' kwalifiki formali maħruġin minn dawk l-Istati Membri sakemm dik il-prova tkun tattesta li jkun intemm b'suċċess dak it-taħriġ li jkun inbeda qabel id-dati ta' referenza stabbiliti fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att u fit-Tieni Skeda, u jkollu miegħu ċertifikat li jkun jiddikjara li d-detenturi jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw l-attivitajiet involuti għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel l-għoti taċ-ċertifikat.

(2) F'dawk il-każijiet fejn il-Kunsill rilevanti jkun adotta miżuri dwar id-dritt akkwiżit li hu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini ta' Malta, dan għandu wkoll jagħti liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra d-dritt li jiksbu benefiċċju minn dawk il-miżuri, sakemm il-prova ta' kwalifiki formali tkun inħarġet qabel id-data meta l-Kunsill rilevanti temm joħroġ provi bħal dawk għall-ispeċjalizzazzjoni involuta.".

Emenda ta' l-artikolu 51 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

20. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 51 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) jistabbilixxi wara konsultazzjoni mal-Kunsill rilevanti d-drittijiet li jistgħu jintalbu minn Kunsill dwar l-ewwel reġistrazzjoni ta' l-isem ta' persuna f'reġistru, kif ukoll dawk id-drittijiet annwali jew perjodiċi oħra sabiex dawk l-ismijiet ikunu jistgħu jinżamm fir-reġistru u l-fondi fejn dawk id-drittijiet ikunu jistgħu jiġu depożitati;"; u

(b) minflok il-paragrafu (h) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(h) jippreskrivi dawk il-professjonijiet li tinħarġilhom liċenza u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti qabel ma tinħareġ liċenza bħal dik.".

Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l- Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

21. Minflok it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jidħol dan li ġej:

Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

22. Ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima I tagħha, minflok il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 1 tiegħu għandu jidħol dan li ġej :

" (d) mill-inqas ikollha ħmistax-il membru sħiħ reġistrati bħala speċjalisti mal-Kunsill rilevanti;"; u

(b) fit-Taqsima II tagħha, fil-partita "Spiżjara", minnufih wara s-subpartita "Kamra ta' l-Ispiżjara ta' Malta" għandha tiżdied is-subpartita "Kulleġġ Malti ta' Prattika fl-Infermerija".

Żjieda tas-Sitt Skeda ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

23. Minnufih wara l-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandha tiżdied din is-Sitt Skeda ġdida li ġejja:

"Is-Sitt Skeda
(Artikolu 43)

Drittijiet akkwiżiti

1. Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 43 għandha tkun tapplika għal provi ta' kwalifiki formali bħala tabib li jagħti aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku bħala tabib speċjalista, bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalista, bħala qabla u bħala spiżjar, miksubin fit-territorju ta' dik li kienet ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi ta' taħriġ stabbiliti bil-liġi nazzjonali jekk dawk il-provi jkunu jiċċertifikaw li jkun intemm b'suċċess taħriġ li jkun beda qabel:

(a) it-3 ta' Ottubru 1990 għal tobba li jkollhom taħriġ bażiku, infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, dentisti li jkollhom taħriġ bażiku, dentisti speċjalisti, qwiebel u spiżjara, u

(b) it-3 ta' April 1992 għal tobba speċjalisti.

(2) Il-prova ta' kwalifiki formali msemmija fl-artikolu ta' qabel jikkonferixxu lid-detentur id-dritt li jeżerċita attivitajiet professjonali fit-territorju tal-Ġermanja taħt l-istess kundizzjonijiet bħala prova ta' kwalifiki formali maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja msemmija fit-Tieni Skeda.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 37(1), kull Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi prova ta' kwalifiki formali bħala tabib li tagħti aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku u tabib speċjalista, bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali, bħala qabla, bħala spiżjar li

d-detenturi tagħhom ikunu ċittadini ta' Stati Membri u li jkunu maħruġin minn dik li qabel kienet iċ-Ċekoslovakkja, jew li jkunu bdew it-taħriġ tagħhom, fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja, qabel l-1 ta' Jannar 1993, meta l-awtoritajiet ta' xi wieħed jew l-ieħor mill-Istati Membri hawn qabel imsemmija jattestaw li dik il-prova ta' kwalifiki formali jkollha l-istess validità legali fit-territorju tagħhom bħall-prova ta' kwalifiki formali li dawn joħorġu u, dwar l-aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku, tabib speċjalista, infermier responsabbli għall-kura ġenerali, qabla u spiżjar dwar l-attivitajiet imsemmija fil-artikolu 45(2), u t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet. Attestazzjoni bħal dik għandu jkollha magħha ċertifikat maħruġ minn dawk l-istess awtoritajiet li jkun jiddikjara li dawk il-persuni jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw l-attivitajiet involuti fit-territorju tagħhom għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

(4) Kull Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi prova ta' kwalifiki formali bħala tabib li jkunu jagħtu aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku u tabib speċjalista, bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali , bħala dentist, bħala dentist speċjalista, bħala qabla u bħala spiżjar li jkollhom ċittadini ta' Stati Membri u maħruġin minn dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika, jew li bdew it-taħriġ tagħhom -

(i) dwar l-Estonja, qabel l-20 ta' Awissu 1991,

(ii) dwar il-Latvja, qabel il-21 ta' Awissu 1991,

(iii) dwar il-Litwanja, qabel il-11 ta' Marzu 1990,

meta l-awtoritajiet ta' xi jew kull wieħed mill-Istati Membri hawn qabel imsemmija jattestaw li dik il-prova jkollha l-istess validità legali fit-territorju tagħhom bħal ma jkollhom il-provi li huma joħorġu u, dwar l-aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku, tabib speċjalista, infermier responsabbli għall-kura ġenerali, dentist, dentist speċjalista, qabla, spiżjar għar-rigward ta' l-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 45(2), u t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet. Attestazzjoni bħal dik għandu jkollha magħha ċertifikat maħruġ minn dawk l-istess awtoritajiet li jkun jiddikjara li dawk il-persuni jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw l-attivitajiet involuti fit-territorju tagħhom għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

(5) Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi provi ta' kwalifiki formali bħala tabib li jkunu jagħtu aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku u tabib speċjalista, bħala infermier

responsabbli għall-kura ġenerali , bħala dentist, bħala dentist speċjalista, bħala qabla u bħala spiżjar li jkollhom ċittadini ta' Stati Membri u maħruġin minn dik li qabel kienet il-Jugoslavja, jew li bdew it-taħriġ tagħhom, dwar is-Slovenja, qabel il-25 ta' Ġunju 1991, meta l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru hawn qabel imsemmi jkunu attestaw li dik il-provi jkollhom l-istess validità legali fit-territorju tagħhom bħall-provi li dawn joħorġu u, għar-rigward ta' l-aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib li jkollu taħriġ bażiku, tabib speċjalista, infermier responsabbli għall-kura ġenerali , dentist, dentist speċjalista, qabla, u spiżjar għar-rigward ta' l-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 45(2), u t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet. Attestazzjoni bħal dik għandu jkollha magħha ċertifikat maħruġ minn dawk l-istess awtoritajiet li jkun jiddikjara li dawk il-persuni jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw fl-attivitajiet involuti fit-territorju tagħhom għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

(6) Kull Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti dwar ċittadini ta' Stat Membru li jkollhom il-prova ta' kwalifiki formali bħala tabib, infermier responsabbli għall-kura ġenerali, dentist, qabla u spiżjar li ma tikkorrispondix mat-titoli mogħtija għal dak l-Istat Membru fit-Tieni Skeda, prova ta' kwalifiki formali maħruġin minn dawk l-Istati Membri li jkollhom magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti.

(7) Iċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu ta' qabel għandu jkun jiddikjara li l-prova ta' kwalifiki formali tkun tiċċertifika li jkun intemm b'suċċess it-taħriġ skond l-Artikli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40 u 44 tad-Direttiva 2005/36 rispettivament u li dan ikun ittrattat mill-Istat Membru li joħorġu bl-istess mod bħall-kwalifiki li jkollhom it-titoli tagħom elenkati fit-Tieni Skeda.

(8) (a) Il-Kunsill Mediku jista' jeħtieġ lil tobba speċjalisti li għandhom it-taħriġ speċjalista mediku *part-time* tagħhom regolat b'disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi li kienu fis-seħħ mill-20 ta' Ġunju 1975 u li kienu bdew it- taħriġ speċjalista tagħhom mhux iżjed tard mill-31 ta' Diembru 1983 li l-prova ta' kwalifiki formali tagħhom ikollha magħha ċertifikat li jkun jiddikjara li jkunu effettivament u leġittimament impenjati fl-attivitajiet rilevanti għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel l-għoti ta' dak iċ-ċertifikat.

(b) Il-Kunsill Mediku għandu jirrikonoxxi l-kwalifika ta' tobba speċjalisti mogħti fi Spanja lil tobba li jkunu temmew it-taħriġ speċjalista tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 1995, anke jekk dak it-taħriġ ma jkunx jissodisfa l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ li hemm provdut dwarhom

fid-Direttiva 2005/36 KE, sakemm dik il-kwalifika ma jkollhiex magħha ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja u attestazzjoni li l-persuna involuta tkun għaddiet mill-eżamijiet f'xi kompetenza professjonali speċifika li jkunu saru fil-kuntest ta' miżuri eċċezzjonali li jirrigwardaw ir-rikonoxximent stabbilit fid-Digriet Irjali 1497/99, bil-għan li jiġi żgurat li l-persuna involuta jkollha livell ta' għarfien u ħila li jkun jipparaguna ma' dak ta' tobba li jkollhom kwalifika bħala tabib speċjalista kif definit għal Spanja fit-Taqsima Ia u Ib tat-Tieni Skeda.

Drittijiet akkwiżiti li huma speċifici għal infermiera.

(a) Il-Kunsill rilevanti għandu, fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li l-prova ta' kwalifiki formali bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali tkun ingħatat minn, jew li t-taħriġ tagħhom ikun beda fil-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004 u li ma jissodisfawx l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti fl-Artiklu 31 tad-Direttiva 2005/36KE, jirrikonoxxi dawn il-provi ta' kwalifiki formali bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali bħala li huma prova suffiċjenti jekk dawn ikollhom magħhom ċertifikat li jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw fl-attivitajiet ta' infermier responsabbli għall-kura ġenerali fil-Polonja għaż-żmien speċifikat kif ġej:

(i) prova ta' kwalifiki formali bħala infermier f'livell ta' grad (dyplom licencjata piel'gniarstwa) - mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat,

(ii) prova ta' kwalifiki formali bħala infermier li tiċċertifika li tkun intemmet edukazzjoni post-sekondarja miksuba minn skola medika vokazzjonali (dyplom piel'gniarki albo piel'gniarki dyplomowanej) - mill-inqas ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

(b) Dawk l-attivitajiet għandhom ikunu inkludew it-teħid ta' responsabbiltà sħiħa għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kura li tingħata mill-infermiera lill-pazjent.

(ċ) Il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi prova ta' kwalifiki formali fl-infermerija mogħtija fil-Polonja, lil infermiera li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom qabel l-1 ta' Mejju 2004, u li ma tkunx tikkonforma ma' l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti fl-Artiklu 31 tad-Direttiva 2005/36KE , attestata bid-diploma *"bachelor"* li tkun inkisbet abbażi ta' programm ta' *upgrading* bażiku skond ma hemm fl-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-20 ta' April 2004 dwar l-emenda ta' l-Att fuq il-professjonijiet ta' infermier u qabla u f'xi attijiet oħra legali (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubbliku

tal-Polonja tat-30 ta' April 2004 Nru 92, pos. 885), u r-regolamenti tal-Ministru tas-Saħħa tal-11 ta' Mejju 2004 dwar il-kundizzjonijiet dettaljati dwar studji li jirrigwardaw il-ħlas għal infermiera u qwiebel, li jkollhom ċertifikat ta' skola sekondarja (eżami finali - matura) u li jkunu gradwati ta' liċeo mediku u ta' skejjel mediċi vokazzjonali li jkunu jgħallmu fil-professjoni ta' infermier u ta' qabla (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubbliku tal-Polonja tat-13 ta' Mejju 2004 Nru 110, pos. 1170), bil-għan li jivverifikaw li l-persuna involuta jkollha livell ta' għarfien u kompetenza li tipparaguna ma' dik ta' infermiera li jkollhom il-kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja jinsabu definiti fit-Taqsima V tat-Tieni Skeda.

Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li kellhom id-diplomi, ċertifikati u provi oħra tagħhom ta' kwalifiki formali ta' infermier responsabbli għall-kura ġenerali mogħtija minn, jew li t-taħriġ tagħhom ikun inbeda fir-Romanija qabel id-data ta' l-adeżjoni, u li ma jkunux jissodisfaw l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti b'dan l-Att, il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi bħala diploma, ċertifikati u prova oħra ta' kwalifika formali fil-kura ġenerali ta' l-infermerija d-diploma'ta' infermier (*Certificat de competente profesionale de asistent medical generalist*) flimkien ma' edukazzjoni post-sekondarja miksuba minn *scoala postliceala* u ċertifikat li jkun jiddikjara li l-persuna involuta tkun effettivament u leġittimament wettqet l-attivitajiet ta' infermier responsabbli għall-kura ġenerali fir-Romanija għal mill-inqas ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat u li dawk l-attivitajiet ikunu inkludew it-teħid ta' kull responsabbiltà għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-kura li tingħata minn infermier lil pazjent.

Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal dentisti.

1. (a) Il-Kunsill Mediku għandu, għall-għanijiet tat-twettiq ta' l-attivitajiet professjonali ta' dentisti taħt il-kwalifiki elenkati fit-Taqsima IIA tat-Tieni Skeda, jirrikonoxxi prova ta' kwalifiki formali bħala tabib li jkunu maħruġin fl-Italja, Spanja, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u r-Romanija lil dawk il-persuni li jkunu bdew it-taħriġ mediku tagħhom fi jew qabel id-data ta' referenza li tinsab imsemmija f'dak l-Anness dwar l-Istat Membru involut, u li jkollhom magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

Iċ-ċertifikat għandu jkun juri li jkunu twettqu dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) li l-persuni involuti jkunu effettivament, leġittimament u prinċipalment eżerċitaw f'dak l-Istat Membru l-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 36 tad-Direttiva hawn qabel

imsemmija għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel l-għoti taċ-ċertifikat;

Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal dentisti.

(ii) li dawk il-persuni jkunu awtorizzati jeżerċitaw dawk l-attivitajiet taħt l-istess kundizzjonijiet bħal detenturi ta' prova ta' kwalifiki formali elenkata dwar dak l-Istat Membru fit-Taqsima IIa tat-Tieni Skeda:

Iżda persuni li jkunu temmew b'suċċess mill-inqas tliet snin ta' studju, ċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru involut bħala li huma ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artiklu 34 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, għandhom jiġu eżentati mill-esperjenza ta' xogħol prattiku għal żmien tliet snin imsemmi fis-subparagrafu (i) hawn qabel.

(b) Fir-rigward tar-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja, prova ta' kwalifiki formali miksubin f'dik li qabel kienet iċ-Ċekoslovakkja għandha tingħata l-istess livell ta' rikonoxximent daqs prova Ċeka u Slovakka ta' kwalifiki formali u taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ma hemm stabbiliti fis-subparagrafi ta' qabel.

(ċ) Il-Kunsill Mediku għandu jirrikonoxxi prova ta' kwalifiki formali bħala tabib maħruġa fl-Italja lil persuni li jkunu bdew it-taħriġ mediku tagħhom fl-Università wara t-28 ta' Jannar 1980 u mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru 1984, li jkollha magħha ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Italja.

(d) Iċ-ċertifikat għandu jkun jindika li jkunu twettqu dawn it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) li l-persuni involuti jkunu għaddew it-test ta' ħila rilevanti li jkun sar mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Italja bil-għan li jiġi stabbilit li dawk il-persuni jkollhom livell ta' għarfien u ta' ħila li tkun tipparaguna ma' dik ta' persuni li jkollhom prova ta' kwalifiki formali elenkata dwar l-Italja fit-Taqsima IIa tat-Tieni Skeda;

(ii) illi jkunu effettivament, leġittimament u prinċipalment eżerċitaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artiklu 36 tad-Direttiva hawn qabel imsemmija fl-Italja għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel l-għoti taċ-ċertifikat;

(iii) illi dawn ikunu awtorizzati jeżerċitaw fi jew ikunu effettivament, leġittimament u prinċipalment jeżerċitaw l-

attivitajiet imsemmija fl-Artiklu 36 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, taħt l-istess kundizzjonijiet bħad-detenturi ta' prova ta' kwalifiki formali elenkata dwar l-Italja fit-Taqsima IIa tat-Tieni Skeda:

Iżda persuni li jkunu mill-inqas temmew tliet snin studju ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artiklu 34 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, jkunu eżentati mit-test ta' ħila u dawk il-persuni li jkunu bdew it-taħriġ mediku tagħhom fl-Università wara l-31 ta' Diċembru, 1984 għandhom jiġu trattati bl-istess mod sakemm il-perjodu ta' tliet snin studju jkun beda qabel il-31 ta' Diċembru 1994.

(e) (i) Il-Kunsill Mediku għandu jirrikonoxxi, mid-data ta' l-adeżjoni tar-Romanija, u għat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' dentist, id-diplomi, ċertifikati u kull prova oħra ta' kwalifiki formali fil-Mediċina mogħtija mir-Romanija lil persuni li jkunu bdew it-taħriġ tagħhom fl-Università qabel l-1 ta' Ottubru, 2003, li jkollhom magħhom ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Romanija li jiċċertifikaw li dawn il-persuni jkunu effettivament, leġittimament u prinċipalment eżerċitaw fir-Romanija l-attivitajiet speċifikati taħt dan l-Att għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat u li dawn il-persuni jkunu awtorizzati jeżerċitaw dawn l-attivitajiet taħt l-istess kundizzjonijiet bħal detenturi tad-diploma msemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(ii) Madankollu l-ħtieġa ta' tliet snin esperjenza għandha tiġi mwarrba fil-każ ta' persuni li jkunu temmew b'suċċess mill-inqas tliet snin ta' studju li jiġu ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artiklu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE.

Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal qwiebel.

1. (a) Il-Kunsill rilevanti għandu, fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li l-prova ta' kwalifiki formali tagħhom bħala qabla tkun tissodisfa l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ kollha stabbiliti fl-Artiklu 40 tad-Direttiva 2005/36KE iżda li, bis-saħħa ta' l-Artiklu 41 ta' l-istess Direttiva, ma tkunx rikonoxxuta kemm-il darba din ma jkollhiex magħha ċertifikat ta' prattika professjonali msemmi fl-Artiklu 41(2) ta' dik id-Direttiva, jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti il-prova ta' kwalifiki formali maħruġin minn dawk l-Istati Membri qabel id-data ta' referenza msemmija fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda, li jkollha magħha ċertifikat li jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw l-attivitajiet involuti għal mill-inqas sentejn konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel l-għoti taċ-ċertifikat.

(b) Il-kundizzjonijiet stabbilti fis-subparagrafu ta' qabel għandhom japplikaw għal ċittadini ta' Stati Membri li l-prova ta' kwalifiki formali bħala qabla tagħhom tkun tiċċertifika li jkunu temmew it-taħriġ riċevut fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja u li jissodisfaw l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ kollha stabbiliti fl-Artiklu 40 tad-Direttiva 2005/36 KE iżda meta l-prova ta' kwalifiki formali, bis-saħħa ta' l-Artiklu 41 tad-Direttiva 2005/36 KE, ma tkunx rikonoxxuta kemm-il darba din ma jkollhiex magħha ċ-ċertifikat ta' esperjenza professjonali msemmi fl-Artiklu 41(2) tad-Direttiva 2005/36 KE, fejn din tattesta għal kors ta' taħriġ li beda qabel it-3 ta' Ottubru 1990.

(ċ) Dwar il-prova ta' kwalifiki formali bħala qabla tal-Polonja, għandhom japplikaw biss id-drittijiet akkwiżiti msemmija fis-subparagrafu li ġej.

(d) Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li kellhom il-prova ta' kwalifiki formali tagħhom bħala qabla mogħtija minn, jew li bdew it-taħriġ tagħhom fil-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, u li ma jissodisfawx l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti fl-Artiklu 40 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, il-Kunsill għandu jirrikonoxxi din il-prova ta' kwalifiki formali bħala qabla li ġejja jekk din ikollha magħha ċertifikat li jkun jiddikjara li dawk il-persuni jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw fl-attivitajiet ta' qabla matul iż-żmien speċifikat kif ġej:

(i) prova ta' kwalifiki formali bħala qabla f'livell ta' grad (dyplom licencjata poloznictwa): mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat,

(ii) prova ta' kwalifiki formali bħala qabla li tiċċertifika t-tmiem ta' edukazzjoni post-sekondarju miksuba minn skola medika vokazzjonali (dyplom poloznej): mill-inqas ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin li jiġu qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

(e) Il-Kunsill għandu jirrikonoxxi prova ta' kwalifiki formali bħala qabla mogħtija fil-Polonja, lil qwiebel li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom qabel l-1 ta' Mejju 2004, li ma jkunx konformi ma' l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti fl-Artiklu 40 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, attestata bid-diploma *"bachelor"* li tkun inkisbet abbażi ta' programm ta' *upgrading* speċjali skond m'hemm fl-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-20 ta' April 2004 dwar l-emenda ta' l-Att fuq il-professjonijiet ta' infermier u qabla u dwar xi atti legali oħra (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubbliku tal-Polonja tat-30 ta' April 2004 Nru 92, pos. 885), u r-regolamenti tal-Ministru tas-Saħħa tal-11 ta' Mejju 2004 dwar il-

kundizzjonijiet dettaljati ta' studji dwar il-ħlas għall-infermiera u l-qwiebel, li jkollhom ċertifikat ta' skola sekondarja (eżami finali - matura) u li jkunu gradwati ta' liċeo mediku u ta' skejjel vokazzjonali mediċi li jgħallmu l-professjoni ta' infermier u ta' qabla (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubbliku tal-Polonja tat-13 ta' Mejju 2004 Nru 110, pos 1170), bil-għan li jiġi verifikat jekk il-persuna involuta jkollhiex livell ta' għarfien u kompetenza li jkun jipparaguna ma' dak ta' qwiebel li jkollhom il-kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja, jinsabu definiti fit-Taqsima IV tat-Tieni Skeda.

(2) Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li l-prova ta' kwalifiki formali bħala qabla tagħhom (asistent medical obstetrica-ginecologie/infermier obstetriku-ginekologu) kienu ngħataw mir-Romanija qabel id-data ta' l-adeżjoni u li ma jkunux jissodisfaw l-inqas ħtiġiet ta' taħriġ stabbiliti bl-artikolu 40 tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, il-Kunsill għandu jirrikonoxxi dik il-prova ta' kwalifiki formali bħala; tkun prova suffiċjenti għall-għanijiet tat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' qabla, jekk dawn ikollhom magħhom ċertifikat li jkun jiddikjara li dawk iċ-ċittadini ta' l-Istat Membru jkunu effettivament u leġittimament eżerċitaw l-attivitajiet ta' qabla fir-Romanija, għal mill-inqas ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin li jiġu qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat.".

Żjieda tas-Seba' Skeda ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

24. Minnufih wara s-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għandha tiżdied din is-Seba' Skeda li ġejja:

"Is-Seba' Skeda
(Artikolu 42)

Id-dokumenti u ċ-ċertifikati li Kunsill relevanti jista' jitlob huma dawn li ġejjin:

(a) prova taċ-ċittadinanza tal-persuna involuta;

(b) kopji ta' l-attestazzjonijiet ta' kompetenza professjonali jew tal-provi ta' kwalifiki formali li jagħtu aċċess lill-professjoni inkwistjoni, u attestazzjoni ta' l-esperjenza professjonali tal-persuna involuta meta dan ikun japplika;

(ċ) informazzjoni li tkun tirrigwarda t-taħriġ sal-limitu meħtieġ sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' differenzi sostanzjali potenzjali mit-taħriġ nazzjonali meħtieġ, kif stabbilit b'dan l-Att.

Meta jkun impossibbli għall-applikant li jipprovdi dik l-informazzjoni, il-Kunsill relevanti għandu jindirizza lill-awtorità kompetenti jew lil kull korp relevanti ieħor fl-Istat Membru tiegħu;

(d) (i) Meta l-Kunsill relevanti jesiġi mingħand persuni li jkunu jridu jeżerċitaw professjoni regolata prova li jkollhom karattru idoneu jew fama tajba jew li ma jkunux ġew dikjarati falluti, jew jissospendi jew jipprojbixxi l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni fil-każ ta' mġieba ħażina professjonali gravi jew l-għemil ta' xi reat kriminali, dak il-Kunsill għandu jaċċetta bħala prova biżżejjed, dwar ċittadini ta' Stati Membri li jkunu jridu jeżerċitaw dik il-professjoni fit-territorju tiegħu, dokumenti li jinġiebu wara li dawn ikunu nħarġu mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tiegħu jew fl-Istat Membru mnejn joriġina ċ-ċittadin barrani, li jkunu juru konformità ma' dawk il-ħtiġiet. Dawk l-awtoritajiet għandhom fi żmien xahrejn jipprovdu d-dokumenti meħtieġa;

(ii) Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tiegħu jew ta' l-Istat Membru mnejn joriġina ċ-ċittadin barrani ma joħorġux id-dokumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, dawk id-dokumenti għandhom jiġu sostitwiti b'dikjarazzjoni ġuramentata jew, f'dawk l-Istati fejn ma jkunx hemm provdut dwar dikjarazzjoni ġuramentata, permezz ta' dikjarazzjoni solenni – li ssir mill-persuna involuta quddiem awtorità kompetenti ġudizzjarja jew amministrattiva jew, meta jkun adatt, quddiem nutar jew korp professjonali kwalifikat li jkun jinsab fl-Istat Membru tiegħu jew fl-Istat Membru mnejn joriġina; dik l-awtorità jew dak in-nutar għandhom joħorġu ċertifikat li jkun jattesta dwar l-awtentiċità tad-dikjarazzjoni ġuramentata jew tad-dikjarazzjoni solenni;

(e) Meta l-Kunsill relevanti jkun jeħtieġ mingħand xi wieħed miċ-ċittadini tiegħu li jkunu jridu jeżerċitaw professjoni regolata, dokument li jkollu x'jaqsam mas-saħħa fiżika jew mentali ta' l-applikant, dak il-Kunsill għandu jaċċetta bħala prova biżżejjed ta' dan li jinġieb id-dokument meħtieġ fl-Istat Membru tiegħu. Meta l-Istat Membru tiegħu ma joħroġx dak id-dokument, il-Kunsill għandu jaċċetta ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti f'dak l-Istat. F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tiegħu għandhom jipprovdu d-dokument meħtieġ fi żmien xahrejn;

(f) Il-Kunsilli relevanti jistgħu jordnaw li, b'żjieda ma' prova ta' kwalifiki formali, il-persuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' taħriġ meħtieġ għandha tipprovdi ċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tiegħu fejn jiġi dikjarat li din il-prova ta' kwalifiki formali tkun dik hawn koperta.".

IT-TIENI SKEDA

(Artikoli 11, 12, 17, 23, 24 u 29)

TAQSIMA Ia

Kwalifiki bażiċi fil-mediċina

Country	Evidence of formal qualifications	Body awarding the qualifications	Certificate accompanying the qualifications	Reference date
België/ Belgique/ Belgien	Diploma van arts/ Diplôme de docteur en médecine	— Les universités/De universiteiten — Le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française/De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschap		20 December 1976
▼M1				
България	Диплома за висше образование на образователно-квалификационна степен 'магистър' по 'Медицина' и професионална квалификация 'Магистър-лекар'	Медицински факултет във Висше медицинско училище (Медицински университет, Висш медицински институт в Република България)		1 January 2007
▼B				
Česká republika	Diplom o ukončení studia ve studijním programu všeobecné lékařství (doktor medicíny, MUDr.)	Lékařská fakulta univerzity v České republice	— Vysvědčení o státní rigorózní zkoušce	1 May 2004
Danmark	Bevis for bestået lægevidenskabelig embedseksamen	Medicinsk universitetsfakultet	— Autorisation som læge, udstedt af Sundhedsstyrelsen og — Tilladelse til selvstændigt virke som læge (dokumentation for gennemført praktisk uddannelse), udstedt af Sundhedsstyrelsen	20 December 1976
Deutschland	— Zeugnis über die Ärztliche Prüfung — Zeugnis über die Ärztliche Staatsprüfung und Zeugnis über die Vorbereitungszeit als Medizinalassistent, soweit diese nach den deutschen Rechtsvorschriften noch für den Abschluss der ärztlichen Ausbildung vorgesehen war	Zuständige Behörden		20 December 1976

▼B

Country	Evidence of formal qualifications	Body awarding the qualifications	Certificate accompanying the qualifications	Reference date
Eesti	Diplom arstiteaduse õppekava läbimise kohta	Tartu Ülikool		1 May 2004
Ελλάς	Πτυχίο Ιατρικής	— Ιατρική Σχολή Πανεπιστημίου, — Σχολή Επιστημών Υγείας, Τμήμα Ιατρικής Πανεπιστημίου		1 January 1981
España	Titulo de Licenciado en Medicina y Cirugia	— Ministerio de Educación y Cultura — El rector de una Universidad		1 January 1986
France	Diplôme d'Etat de docteur en médecine	Universités		20 December 1976
Ireland	Primary qualification	Competent examining body	Certificate of experience	20 December 1976
Italia	Diploma di laurea in medicina e chirurgia	Università	Diploma di abilitazione all'esercizio della medicina e chirurgia	20 December 1976
Κύπρος	Πιστοποιητικό Εγγραφής Ιατρού	Ιατρικό Συμβούλιο		1 May 2004
Latvija	ārsta diploms	Universitātes tipa augstskola		1 May 2004
Lietuva	Aukštojo mokslo diplomas, nurodantis suteiktą gydytojo kvalifikaciją	Universitetas	Internatūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą medicinos gydytojo profesinę kvalifikaciją	1 May 2004
Luxembourg	Diplôme d'Etat de docteur en médecine, chirurgie et accouchements,	Jury d'examen d'Etat	Certificat de stage	20 December 1976
Magyarország	Általános orvos oklevél (doctor medicinae univer- sae, röv.: dr. med. univ.)	Egyetem		1 May 2004
Malta	Lawrja ta' Tabib tal-Medi- cina u l-Kirurġija	Universita' ta' Malta	Certifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-Kunsill Mediku	1 May 2004
Nederland	Getuigschrift van met goed gevolg afgelegd artsexamen	Faculteit Geneeskunde		20 December 1976
Österreich	1. Urkunde über die Verleihung des akademischen Grades Doktor der gesamten Heilkunde (bzw. Doctor medicinae universae, Dr.med.univ.) 2. Diplom über die spezifische Ausbildung zum Arzt für Allgemeinmedizin bzw. Facharztdiplom	1. Medizinische Fakultät einer Universität 2. Österreichische Ärztekammer		1 January 1994

▼B

Country	Evidence of formal qualifications	Body awarding the qualifications	Certificate accompanying the qualifications	Reference date
Polska	Dyplom ukończenia studiów wyższych na kierunku lekarskim z tytułem 'lekarza'	1. Akademia Medyczna 2. Uniwersytet Medyczny 3 Collegium Medicum Uniwersytetu Jagiellońskiego	Lekarski Egzamin Państwowy	1 May 2004
Portugal	Carta de Curso de licenciatura em medicina	Universidades	Diploma comprovativo da conclusão do internato geral emitido pelo Ministério da Saúde	1 January 1986
▼M1				
România	Diplomă de licență de doctor medic	Universități		1 January 2007
▼B				
Slovenija	Diploma, s katero se podeljuje strokovni naslov 'doktor medicine/doktorica medicine'	Univerza		1 May 2004
Slovensko	Vysokoškolský diplom o udelení akademického titulu 'doktor medicíny' ('MUDr.')	Vysoká škola		1 May 2004
Suomi/ Finland	Lääketieteen lisensiaatin tutkinto/ Medicine licentiatexamen	— Helsingin yliopisto/ Helsingfors universitet — Kuopion yliopisto — Oulun yliopisto — Tampereen yliopisto — Turun yliopisto	Todistus lääkärin perusterveydenhuollon lisäkoulutuksesta/ Examenbevis om tilläggsutbildning för läkare inom primärvården	1 January 1994
Sverige	Läkarexamen	Universitet	Bevis om praktisk utbildning som utfärdas av Socialstyrelsen	1 January 1994
United Kingdom	Primary qualification	Competent examining body	Certificate of experience	20 December 1976

II. Switzerland

Country	Title of qualification	Awarding body	Certificate accompanying qualification
Switzerland	titulaire du diplôme fédéral de médecin Eidgenössisch diplomierter Arzt titolare di diploma federale di medico	Département fédéral de l'intérieur	

III. States that are European economic area

Country	Title of qualification	Awarding body	Certificate accompanying qualification
Ísland	Lækningaleyfi	Heilbrigðis- og tryggingamálaráðuneyti	
Liechtenstein	The diplomas, certificates and other titles awarded in another State to which this Regulation applies and listed in the present Annex		Certificate on the completed practical training issued by the competent authorities
Norge	Vitnemål for fullført grad: *candidata/candidatus medicinae*, short form: *cand. med.*	Medisinsk universitetsfakultet	Bekreftelse på praktisk tjeneste som lege utstedt av kompetent offentlig myndighet

TAQSIMA Ib

Kwalifiki fil-mediċina speċjalizzata

	Country	Evidence of formal qualifications	Body awarding the qualifications	Reference date
	België/ Belgique/ Belgien	Bijzondere beroepstitel van geneesheer-specialist/Titre professionnel particulier de médecin spécialiste	Minister bevoegd voor Volksgezondheid/Ministre de la Santé publique	20 December 1976
▼M1	България	Свидетелство за призната специалност	Медицински университет, Висш медицински институт или Военномедицин-ска академия	1 January 2007
▼B	Česká republika	Diplom o specializaci	Ministerstvo zdravotnictví	1 May 2004
	Danmark	Bevis for tilladelse til at betegne sig som speciallæge	Sundhedsstyrelsen	20 December 1976

▼B

Country	Evidence of formal qualifications	Body awarding the qualifications	Reference date
Deutschland	Fachärztliche Anerkennung	Landesärztekammer	20 December 1976
Eesti	Residentuuri lõputunnistus eriarstiabi erialal	Tartu Ülikool	1 May 2004
Ελλάς	Τίτλος Ιατρικής Ειδικότητας	1. Νομαρχιακή Αυτοδιοίκηση 2. Νομαρχία	1 January 1981
España	Titulo de Especialista	Ministerio de Educación y Cultura	1 January 1986
France	1. Certificat d'études spéciales de médecine 2. Attestation de médecin spécialiste qualifié 3. Certificat d'études spéciales de médecine 4. Diplôme d'études spécialisées ou spécialisation complémentaire qualifiante de médecine	1. Universités 2. Conseil de l'Ordre des médecins 3. Universités 4. Universités	20 December 1976
Ireland	Certificate of Specialist doctor	Competent authority	20 December 1976
Italia	Diploma di medico specialista	Università	20 December 1976
Κύπρος	Πιστοποιητικό Αναγνώρισης Ειδικότητας	Ιατρικό Συμβούλιο	1 May 2004
Latvija	'Sertifikāts'—kompetentu iestāžu izsniegts dokuments, kas apliecina, ka persona ir nokārtojusi sertifikācijas eksāmenu specialitātē	Latvijas Ārstu biedrība Latvijas Ārstniecības personu profesionālo organizāciju savienība	1 May 2004
Lietuva	Rezidentūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą gydytojo specialisto profesinę kvalifikaciją	Universitetas	1 May 2004
Luxembourg	Certificat de médecin spécialiste	Ministre de la Santé publique	20 December 1976
Magyarország	Szakorvosi bizonyítvány	Az Egészségügyi, Szociális és Családügyi Minisztérium illetékes testülete	1 May 2004
Malta	Ċertifikat ta' Speċjalista Mediku	Kumitat ta' Approvazzjoni dwar Speċjalisti	1 May 2004
Nederland	Bewijs van inschrijving in een Specialistenregister	— Medisch Specialisten Registratie Commissie (MSRC) van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot Bevordering der Geneeskunst — Sociaal-Geneeskundigen Registratie Commissie van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot Bevordering der Geneeskunst	20 December 1976
Österreich	Facharztdiplom	Österreichische Ärztekammer	1 January 1994
Polska	Dyplom uzyskania tytułu specjalisty	Centrum Egzaminów Medycznych	1 May 2004
Portugal	1. Grau de assistente 2. Titulo de especialista	1. Ministério da Saúde 2. Ordem dos Médicos	1 January 1986
▼M1 România	Certificat de medic specialist	Ministerul Sănătății Publici	1 January 2007
▼B Slovenija	Potrdilo o opravljenem specialističnem izpitu	1. Ministrstvo za zdravje 2. Zdravniška zbornica Slovenije	1 May 2004

▼B

Country	Evidence of formal qualifications	Body awarding the qualifications	Reference date
Slovensko	Diplom o špecializácii	Slovenská zdravotnícka univerzita	1 May 2004
Suomi/ Finland	Erikoislääkärin tutkinto/Specialläkar-examen	1. Helsingin yliopisto/Helsingfors universitet 2. Kuopion yliopisto 3. Oulun yliopisto 4. Tampereen yliopisto 5. Turun yliopisto	1 January 1994
Sverige	Bevis om specialkompetens som läkare, utfärdat av Socialstyrelsen	Socialstyrelsen	1 January 1994
United Kingdom	Certificate of Completion of specialist training	Competent authority	20 December 1976

Country	Title of qualification	Awarding body	Certificate accompanying qualification
Switzerland	spécialiste/Facharzt/specialista		
Ísland	Sérfræðileyfi	Heilbrigðis- og tryggingamálaráðuneyti	
Liechtenstein	The diplomas, certificates and other titles awarded in another State to which this Regulation applies and listed in the present Annex	Competent authorities	Certificate on the completed practical training issued by the competent authorities
Norge	Spesialistgodkjenning	Den norske lægeforening ihht. delegert myndighet	

TAQSIMA Ic

Titoli ta' korsijiet ta' tahriġ fil-mediċina speċjalizzata

Country	Title of qualification	Awarding body
	ANAESTHETICS Minimum length of training course: 3 years	
Belgique/België/Belgien	Anesthésie-réanimation/Anesthesie reanimatie	
България	Анестезиология и интензивно лечение	
Česká republika	Anesteziologie a resuscitace	
Danmark	Anæstesiologi	
Deutschland	Anästhesiologie	
Eesti	Anestesioloogia	
Ελλάς	Αναισθησιολογία	
España	Anestesiología y Reanimación	
France	Anesthésiologie-Réanimation chirurgicale	
Ireland	Anaesthesia	
Italia	Anestesia e rianimazione	
Κύπρος	Αναισθησιολογία	
Latvija	Anestezioloģija un reanimatoloģija	
Lietuva	Anesteziologija reanimatologija	
Luxembourg	Anesthésie-réanimation	
Magyarország	Aneszteziológia és intenzív terápia	
Malta	Anestezija u Kura Intensiva	
Nederland	Anesthesiologie	
Österreich	Anästhesiologie und Intensivmedizin	
Polska	Anestezjologia i intensywna terapia	
Portugal	Anestesiologia	
România	Anestezie şi terapie intensivă	
Slovenija	Anesteziologija, reanimatologija in perioperativna intenzivna medicina	
Slovensko	Anestéziológia a intenzívna medicína	
Suomi/Finland	Anestesiologia ja tehohoito/Anestesiologi och intensivvård	
Sverige	Anestesi och intensivvård	
United Kingdom	Anaesthetics	
Ísland	Svæfinga- og gjörgæslulæknisfræði	
Liechtenstein	Anästhesiologie	
Norge	Anestesiologi	
Switzerland	Anesthésiologie / Anästhesiologie / anestesiologia'	

Country	Title of qualification	Awarding body
GENERAL SURGERY Minimum length of training course: 5 years		
Belgique/België/Belgien	Chirurgie/Heelkunde	
България	Хирургия	
Česká republika	Chirurgie	
Danmark	Kirurgi eller kirurgiske sygdomme	
Deutschland	(Allgemeine) Chirurgie	
Eesti	Üldkirurgia	
Ελλάς	Χειρουργική	
España	Cirugía general y del aparato digestivo	
France	Chirurgie générale	
